MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru. 1211/2012

**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**VS**
**LYDON CHIRCOP**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Lydon Chircop ta’ 18- il sena, bin Stephen Anthony u Josephine nee’ Chetcuti, mwieled Pieta’ fis- 16 ta’ Lulju 1994, residenti 141, Lia, Triq ir- Rebha, Gzira u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 325294M

Talli nhar it- 2 ta’ Awwissu 2012 ghal habta tas- 01.10am gewwa Burger King li jinsab fi Triq San Gorg, San giljan u/jew fil- vicinanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ siggijiet ghad-dannu ta’ Farsons Ltd u/jew entita’ ohra liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 izda inqas minn €1,164.69;

U aktar talli kiser ordni ta’ probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 5 ta’ Mejju, 2010;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 325 tal-Kap 9, u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------